**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 4 ta' Gunju, 2019**

**Rikors nru: 122/19 AGV**

A (AB) C

Vs

DC

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fis-7 ta' Marzu, 2019 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet zzewwgu fil-11 ta' Ottubru, 1987 u kienu infirdu legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Clinton Bellizzi ppubblikat fis-6 ta' Novembru, 2008 (kopja tal-kuntratt annessa u mmarkat Dokument "A").

2. Illi l-avukat tal-esponenti ddiskutiet il-possiblita’ ta’ rikonciljazzjoni u forniet l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-ghajnuna fil-process ta’ rikonciljazzjoni bejn il-mizzewwgin. Madanakollu, m’hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

3. Illi l-partijiet ilhom ‘l fuq minn ghaxar snin ma jghixu flimkien.

4. Illi jikkonkorru l-kriterji kollha mehtiega mil-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partjiet.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti:-

1.Tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghall-effetti kollha tal-ligi.

2.Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien prefiss mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat li l-intimat mhux qed jopponi ghad-divorzju.

Rat l-Artikolu 66 A u B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti rnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi ppruvat illi l-partijiet ilhom isseparati legalment skond kuntratt datat 6 ta' Novembru, 2008 fl-atti tan-Nutar Dr. Clinton Bellizzi.

Tikkonferma ukoll li dejjem thallas il-manteniment dovut skond il-kuntratt ta' separazzjoni.

Ir-rikorrent ukoll ippruvat li ma hemmx cans ta' rikonciljazzjoni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
2. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor. Imhallef Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**